**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 18 ta' Novembru 2021**

Rikors Numru: 383/21 AL

A k/a A B

vs

C D E

(MR Number 569/1993)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi r-rikorrenti kienet izzewget lill-konvenut nhar il-5 ta' Mejju 1993 (Dok A) u miz-zwieg taghhom twieldu tliet ulied, F li twieled nhar it-3 t'Ottubru 1993, G li twieled nhar it-28 ta' Settembru 1995 u H li twieled nhar l-24 ta' Marzu 1997;

2. Illi l-partijiet isseparaw in forza ta’ kuntratt ta’ separazzjoni in atti tan-Nutar Maria Roberta Galea Mamo nhar it-2 ta’ Novembru 2020 (Dok B anness);
3. Illi skont il-kuntratt hawn imsemmi, il-partijiet kienu ddekadew mid-dritt taghhom li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin; filwaqt li l-ulied huma lkoll adulti u indipendenti u ebda manteniment m’huwa dovut ghalihom;
4. Illi llum m’hemm l-ebda prospett raggonevoli ta’ rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u fil-fatt ilhom separati de facto sa mis-sena elfejn u erbatax (2014) u dan kif jirrizulta wkoll mill-kuntratt ta’ separazzjoni taghhom;
5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta’ Settembru, 2021;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghas-seduta u ma pprezentax risposta.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta’ Novembru, 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.